Parroċċa Qalb bla tebgħa ta' Marija

Burmarrad

Nº: 06/17

**AVVIŻI**

**5 ta' Frar 2017**

Nhar ta' Ħamis wara l-quddiesa ta' filgħaxija jkollna ħin ta' Adorazzjoni Ewkaristika. Matul dan ix-xahar sa nimmeditaw fuq l-imħabba ta' Alla li tidher quddiemna permezz tal-Liżar ta' Kristu

Nhar il-Ġimgħa 10 ta' Frar infakkru n-nawfraġju ta' San Pawl. Hija festa kkmandata. Il-quddies ikun fis-6am, fid-9.30am u fis-6.15pm. Il-quddiesa tad-9.30am tibda bi żjara fil-Knisja ta' San Pawl Milqi u pellegrinaġġ lejn il-Knisja u sa tkun immexxija minn Mons. Joe Galea Curmi, Vigarju Ġenerali. (Ma ssirx il-quddiesa tat-8.30am)

Nhar ta' Sibt ikollna l-Oratorju għat-tfal u adolexxenti. Niltaqgħu fit-3pm ħdejn il-Knisja. Ikun hemm laqgħat ta' formazzjoni, talb, logħob u ikel.
Fis-6.15pm issir quddiesa għall-familji bis-sehem tat-tfal.

Qed joqrob ir-Randan u qed isiru diskussjonijiet dwar id-dramm tal-passjoni li jsir fil-parroċċa. Min jixtieq jieħu sehem għandu jinkiteb biex inkunu nafu kemm sa jkun hemm atturi. Skont kemm ikun hemm atturi sal-Ħadd 5 ta' Frar ikun deċiż jekk dan id-dramm hux sa jsir din is-sena.